28 ta' Marzu, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mary Ballucci et.

**"Ragion Fattasi" — Elementi.**

*Hemm id-delitt tar-"ragion fattasi", ossija eżerċizzju arbitrarju ta' dritt pretiż, meta jikkonkorru tliet elementi, li huma: (1) il-pretensjoni ta' dritt; (2) li wieħed, minflok jirrikorri għal mezzi legali, jieħu l-liġi f'idejh bi vjolenza fuq il-ħaġa pretiża; (3) illi l-imputat ma kellux ebda intenzjoni oħra ħlief dik li jeżerċita d-dritt minnu pretiż; liema intenzjoni tikkaratterizza dana r-reat bħala l-motiv li jinforma l-fatt.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-2 ta' Diċembru 1948, l-imputati ġew misjuba ħatjin; Mary Ballucci talli, bla ħsieb li tisraq, iżda biss biex teżerċita jedd

li tippretendi li għandha, approprjat ruħha minn makna tal-ħjata u żewġ kvieret li kienu fil-pussess ta' Concetta Greco; u Salvu Ballucci u Marianna Ballucci talli xejntement għenu u assistew lil Mary Ballucci fl-attijiet li bihom id-delitt kien ġie konsumat. Gew liberati taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 Kap. 12;

Huma appellaw minn din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell tagħhom, din il-Qorti, wara li semgħet il-provi u l-argumenti, ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-makna tal-ħjata kienet mixtrija mill-Istitut ta' Għawdex, ta' liema Istitut kienu membri tant l-imputata Mary Ballucci kemm Concetta Greco. Monsinjur Luigi Galea kien id-Direttur Spiritwali u Amministratur ta' dan l-Istitut, u s-superjura Giuseppa Debono kienet suġġetta għalih. Il-makna ġiet mogħtija provviżorjament lil Concetta Greco minn Monsinjur Galea bil-permess ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof. Gurnata waħda, l-imputata Mary Ballucci, li kienet tippretendi li Greco ma kellhiex il-jedd li żżomm il-makna, għaliex din kienet ta' l-Istitut, marret, awtorizzata mis-Superjura Debono, u b'forza rtirat il-makna u l-kvieret. Magħha marru l-imputati l-oħra, ommha u missierha;

Id-difiża qiegħda ssostni li ma kienx hemm ħtija :— (1) Għaliex kien hemm il-permess tas-Superjura; (2) għaliex dak li sar, jiġifieri l-irtir tal-makna, sar bil-kuntentizza ta' Greco; (3) li l-imputati Salvu u Marianna Ballucci ma għamlu xejn li jirrendihom kompliċi;

L-assunti tad-difiża ma humiex sostenibili;

Mhux l-ewwel wieħed, għaliex l-istess Superjura, meta xehdet, spiċċat biex qalet in kontroeżami, b'referenza għall-poteri ta' Monsinjur Galea, "kollox kien hu". L-imputata Mary Ballucci, bħala waħda ta' l-Istitut, kienet taf tajjeb min kien jiddiriġi u jamministra, u għand min kellha tmur biex tiġi awtorizzata;

Mhux it tieni, għaliex it-tliet imputati bdew biex jgħidu li Greco ħadithom ħażin meta marru għall-makna, u kwindi l-allegata adeżjoni tagħha paċifika għall-irtir tal-makna fl-istess kontest ta' ħin ma hijiex kompatibili ma' l-atteġġjament

tagħha ostili, moko pjù li hi ma kienetx ineeviet ebda kontro-ordini minn għand Monsinjur Galea;

Mhux it-tielet, għaliex mill-kumpless taċ-ċirkustanzi jirriżulta li dawn l-imputati marru bl-istess intenzjoni ta' binthom, u l-għemil tagħhom kien intiż li jneħħu dak li huma stess, fix-xhieda tagħhom, qalu li kien qiegħed isir bla jedd, jiġifieri li l-makna tibqa' għand Greco. Hu ċar li huma u t-tifla kienu jaġixxu "in pursuance of a common design";

Għalhekk jirrikorru proprju l-elementi tad-delitt tar-"ragion fattasi", ossia eżerċizzju arbitrarju tad-dritt pretiż. Hemm l-element li dawn Ballucci kienu jippretendu li kellhom id-dritt li jispossessaw lil Greco mill-makna għax il-makna kienet ta' l-Istitut. Hemm li, minflok li rrikorrew għal mezzi leġittimi, huma ħadu l-liġi f'idejhom bi vjolenza fuq il-ħaġa pretiża; u appuntu t-test latin, oriġini ta' din id-dispożizzjoni, jgħid: "Vis quoties quis id quod deberi sibi putat non per judicem reposcit". Hemm li ma kellhomx ebda intenzjoni oħra ħlief dik li jeżerċitaw id-dritt minnhom pretiż—intenzjoni li, kif kien ġie osservat fir-Relazzjoni tal-Kodiċi Penali Taljan (Relaz. n. LXXXVII, Maino, Vol. II, pag. 835), tikkaratterizza dan ir-reat bħala l-motiv li jinforma l-fatt;

Għalhekk l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata konfermata.